# IRQAQAT TAL-KITBA

## 1. IMBAGĦAD.

*Imbagħad* hija taqsira ta' żewġ kelmiet magħqudin f'waħda, jiġifieri: *minn* u *bagħad*, li jsiru *minbagħad*. *Bagħad* tfisser *wara* (*after*), u fil-Malti għadha tidher, għalkemm mgħawwġa u mħassra kemm jista' jkun, fil-kelma: *pitgħada*, li mhix ħaġa oħra ħlief: *bagħad għada*=(*the day*) *after to-morrow*. Il-kelma: *minbagħad* qatt ma tinħass sħiħa, imma titlef dejjem konsonanti mill-ewwel tnejn, u għalhekk x'uħud jiktbu: *inbagħad* jew *nbagħad*; oħrajn: *imbagħad* jew *mbagħad*. Jien naħseb li aħjar niktbu: *mbagħad* jew *imbagħad*, bil-konsonanti *n* mixruba mill-konsonanti *m*. Jekk niktbu: *inbagħad*, ma nistgħux infissru l-għala u kif waqgħet il-konsonanti *m*. Hekk ukoll il-kelma: *minħabba* hi mqassra fi *mħabba* u mhux fi *nħabba*.

## 2. JAĦTIEĠ *U* JINĦTIEĠ

Aktarx li l-kittieba jħawwduhom dawn iż-żewġ għamliet ta' verb wieħed, iżda xi għażla bejniethom għandu jkun hemm. Imnisslin mill-għerq *ħ-w-ġ*, waħda biż-żjieda ta' *t* u l-oħra biż-żjieda ta' *nt*, bħal: *xteħet* u *nxteħet*, imnisslin it-tnejn mill-verb *xeħet*. Xi drabi l-*n* miżjuda mat-*t* ma tbiddel xejn it-tifsir tal-verb, hekk nistgħu ngħidu: *xteħet minn fuq is-sur* u *nxteħet minn fuq is-sur*, mingħajr l-ebda tibdil ta' tifsir. Iżda fil-verb

*ħtieġ* iż-żjieda ta' *n* tbiddel it-tifsir kif sa ngħidu. Il-verb *ħtieġ* flok *ħtâġ*) huwa t-tmien sura tal-verb *ħieġ* jew *ħâġ*. Iżda billi l-verb *ħieġ* fil-Malti ma jinsabx, daħal floku *ħtieġ* bħala verb tal-ewwel sura. Issa l-verb fl-ewwel sura jieħu tifsira *passiva* meta nehimżu miegħu ż-żjieda *n*, bħal: *nqatel*, *ntilef*, *nkiser* minn: *qatel*, *tilef*, *kiser*. Mela ż-żjieda *n* mehmuża mal-verb *ħtieġ* tbiddel it-tifsir minn *attiv* f'*passiv*. Biex nifticħmu aħjar: *Naħtieġ il-flus* tfisser *I require money; jinħtieġu l-flus* tfisser *money is required*. Għalhekk ingħidu: *ninħtieġ* (u mhux *naħtieġ*) *fuq ix-xogħol għax mingħajri ma jsir xejn*. Hekk ukoll għandna ngħidu u niktbu: *X'taħtieġ? X'jinħtieġ? Biex tqerr sewwa jinħtieġu ħames ħwejjeġ. Biex inqerru sewwa naħtieġu ħames ħwejjeġ*. Iżjed: flok il-parteċipju ta' *nqatel* ninqdew bil-parteċipju passiv ta' *qatel*. Hekk ukoll flok il-parteċipju ta' *nħtieġ* ninqdew bil-parteċipju passiv ta' *ħtieġ* li hu *meħtieġ*. Mela ngħidu: *Il-għaqal huwa meħtieġ* (jew *jinħtieġ*) *għal kullħadd*.

Mela l-verbi *ħtieġ* u *nħtieġ* għandna nagħżluhom minn xulxin skond it-tifsir li rridu nagħtuhom.

## 3. X'ĦIN *U* XĦIN.

Ħaġa żgħira, imma tagħrifa ċkejkna mhix żejda. Aħjar niktbu: *x'ħin* meta rridu ngħidu *x'ħin hu*, u niktbu: *xħin* meta hi preposizzjoni. Hekk: *X'ħin hu? Xħin ġejt? Ġejt xħin tlaqt int.*

U hawn irrid nagħti twissija. Xi drabi l-kittieba jħawwdu bejniethom: *xħin* u *meta*, u jgħidu: *Jien ħriġt meta daħal ħija*. Ħażin. *Xħin* tfisser medda żgħira ta' żmien, ngħidu aħna, ta' siegħa; *meta* tfisser medda aktar twila, jum, ġimgħa, xahar, sena. Il-mistoqsija: *Xħin ġejt?* titlob dit-tweġiba: *Fis-sebgħa. F'nofsinhar. Bil-lejl. Fis-siegħa.* Iżda l-mistoqsija: *Meta ġejt?* trid tweġiba bħal din: *Il-bieraħ. Nhar it-Tnejn. Il-ġimgħa l-oħra. Bħal għada xahar.* Għalhekk ħażin niktbu: *Meta beda jberraq għalaqt it-tieqa. Meta ġejt għandek kont għadek kemm ħriġt. Stenbaħt meta l għasafar bdew ipespsu.*

P. P. Saydon.